18 ta' Ottubru, 1950.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Carmela Buhagiar** *versus* Salvatore Żarb

**Promessa ta' Dota — Donazzjoni — Donazzjoni "Propter Nuptias" — Prova — Xhieda — Art. 33 (a) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-ġenituri huma obligati, skond il-mezzi tagħhom, li jiddotaw lill-uliedhom il-bniet; imma l-kwantitativ tad-dota għandu jirriżulta mill-konvenzjoni matrimonjali, li skond il-liġi trid issir, taħt piena ta' nullità, b'att publiku. Għaldaqstant il-promessa tad-dota ma tistax tiġi pruvata per mezz ta' xhieda. U dan anki jekk dik il-promessa tiġi kunsidrata u ritenuta bħala donazzjoni "propter nuptias".*

*Il-promessa ta' donazzjoni ma tagħtix dritt lill-persuna li favur tagħha saret dik il-promessa sabiex tikkostrinġi koerċitivament lill-promittent għall-adempiment tagħha; imma, se maj, min ikun irċieva dik il-promessa jista' jkollu drittijiet oħra li jitnisslu minn nuqqas ta' l-adempiment jew vjolazzjoni tal-promessa.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi talbet li, peress li l-attriċi fil-21 ta' Awissu 1949, iżżewġet lill-imsemmi Antonio Buhagiar (dok. A), u peress li qabel dan iż-żwieġ il-konvenut kien wiegħed lill-attriċi bħala dota "kollox kif imur" oltre s-somma ta' £50 flus kontanti, u peress li l-konvenut taha biss is-somma ta' £50 u naqas li jagħtiha l-oġġetti l-oħra li kien wegħidha, u ma għandu l-ebda raġuni għaliex ma jagħtihiex dawk l-oġġetti li kien wegħidha qabel, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, u premessa, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-£50 li l-konvenut ta lill-attriċi jirrappreżentaw is-somma li l-konvenut wiegħed lill-attriċi bħala dota oltre l-oġġetti l-oħra kif xieraq, il-konvenut, għar-raġunijiet premessi, ikun kundannat minn din l-Onorabbli Qorti jagħti u jikkonsenja lill-attriċi l-oġġetti u l-effetti l-oħra, kumplament tad-dota li huwa kien wiegħed lill-attriċi meta qalilha li jagħtiha kollox kif imur, jew inkella dik is-somma ta' flus rappreżentanti l-valur ta' l-oġġetti li jirriżultaw li l-konvenut huwa tenut li jagħtiha skond il-promessa li għamlilha qabel iż-żwieġ tagħha, li

għandha tiġi likwidata minn dina l-Qorti, okkorrendo per mezz ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jidher ċar li l-promessa allegata tirrigwarda oġġetti li suppost li l-konvenut oralment ipprometta li jagħti lill-attriċi bħala dota..............;

*Omissis;*

Illi, kif huwa risaput, il-ġenituri huma skond il-liġi obligati, *skond il-mezzi tagħhom, li jiddutaw lil uliedhom* il-bniet (sezzjoni 33 (a) Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta); eppure l-kwantità ta' l-istess dota trid tirriżulta mill-konvenzjoni matrimonjali, li skond l-istess liġi trid, taħt piena ta' nullità, issir b'att publiku (ara sezzjoni 1289 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta), għalkemm fid-Dritt Ruman dik l-iskrittura, jew kwalunkwe skrittura oħra, ma kienetx mitluba (ara Voet, Ad Pandectas, Liber XXIII, Titolus III, para. 2);

Illi minn dana jitnissel li, *billi t-talba attriċi tikkonsisti* fl-eżekuzzjoni ta' konvenzjoni li għall-eżistenza u validità tagħha tippresupponi neċessarjament li l-istess tkun ġiet magħmula fil-forma legali, mentri mid-dikjarazzjoni ta' l-attriċi huwa ammess li l-promessa "de quo agitur" ma saretx kif trid il-liġi, b'att publiku, kwindi l-prova tagħha ma tistax tissir per mezz tax-xhieda. L-istess ħaġa jista' jingħad anki jekk dik l-istess promessa trid tiġi kunsidrata jew ritenuta bħala donazzjoni "propter nuptias", l-għaliex skond l-art. 1847 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 *tal-Liġijiet ta' Malta*, id-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att publiku, u l-promessa allegata ma tidħolx f'ebda mill-eċċezzjonijiet imniżżla f'dak l-istess artikolu;

Illi jingħad ukoll li l-promessa nuda u weħedha ta' donazzjoni, skond il-liġi tagħna u viġenti, ma tagħtix ebda dritt lill-persuna li favur tagħha tkun saret sabiex tikkostrinġi koerċitivament għall-adempiment tagħha lill-promittent, imma se mai, *min ikun irċieva* l-promessa jista' jkollu drittijiet oħra li jitnisslu min-nuqqas ta' l-adempiment jew vjolazzjoni tal-promessa;

Illi in vista ta' dan li ntqal, il-prova testimonjali li jridu jagħmlu l-atturi hija irrilevanti u superfluwa (ara f'dan issens Kollez. Vol. VII, pag. 41, Prim'Awla 3 ta' Marzu 1874, in re "Matteo u Carmela konjuġi Battaglia vs. Antonio Vella"; Vol. IX, paġ. 398, Appell Ċivili, 25 ta' April 1881, in re "Stefano Muscat vs. Filippo e Vincenza coniugi Buhagiar"). Jingħad li anzi ġie deċiż, f'każ ta' promessa analoga, li l-promessa magħmula b'kirografu ma tistax lanqas isservi bħala bażi għat-talba ta' pagament, imma se maj tista' biss isservi, jekk ikun hemm lok, għat-talba għalbiex il-promittenti jkun kostrett jaddivjeni għall-istipulazzjonijiet tal-kuntratt publiku mitlub mil-liġi "ad substantiam", sabiex tiġi adempjuta l-obligazzjoni (ara Kollez. Vol. VIII, paġ. 727-728, Prim'Awla Ċivili, 10 ta' Marzu 1879, in re "Negoziante Achille Busietta maritali nomine vs. Susanna vedova di Carmelo Antonio Zimelli);

Għal dawna l-motivi;

Wara li tiċħad l-offerta tal-provi testimonjali magħmula fid-dikjarazzjoni, taqta' u tiddeċidi billi teskludi lill-attriċi kif assistita mit-talba kif proposta, b'riżerva lilha ta' kwalunkwe dritt u azzjoni oħra, li jista' jkollha kontra l-konvenut għall-kawżi espressi fl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż.